MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**LAURENCE QUINTANO**

Seduta tat-13 ta' Ottubru, 2005

Numru. 830/2005

**Il-Pulizija**
**(Spettur Mario Tonna)**

**versus**

**Richard Mercieca**

Il-Qorti

1. Rat l-imputazzjoni dedotta kontra Richard Mercieca ta' 39 sena imwieled Pieta' nhar it-22 ta' Lulju, 1966 bin Victor u Josephine nee Galea residenti Nadrich Triq Patri Marjanu Vella l-Iklin detentur tal-karta ta' l-identita' Numru 324466 (M0

Akkużat talli f'diversi ġranet u ħinijiet differenti fix-xhar t'Awissu 2005 u fil-ġranet ta' qabel ġewwa l-bajja pubblika li tinsab fi Triq Wilġa San Ġiljan offenda l-pudur jew il-morali b'għemil li għamel f'lok pubbliku jew f'lok espost

għall-pubbliku u dan ai termini ta’ l-artikoli 18 u 209 tal-Lap 9 tal-Liġijiet ta’ Malta.

2. Rat l-eżami ta’ l-imputat li sar malli tressaq taħt arrest quddiem il-Qorti fis-17 ta’ Settembru, 2005 fejn l-imputat ma riedx l-għajnuna ta’ avukat minkejja li l-Qorti spjegatlu li huwa kellu dritt li jkun hekk assistit kif ukoll li, wara li l-Qorti spjegatlu x’inhu r-reat u x’inhuma l-pieni kontemplati, hu wieġeb li hu ħati ta’ l-imputazzjoni. Wara li kienu mogħti żmien xieraq biex jaħsibha huwa kkonferma li jrid iwieġeb li hu ħati.

3. Rat l-atti kollha tal-proċess fosthom iċ-ċitazzjoni li nqrat taħt ġurament, l-istqarrijiet ta’ l-imputat datata 16 ta’ Settembru, 2005 u 17 ta’ Settembru, 2005 (MT2), l-okkorrenza (Dok MT 3); il-fedina penali ta’ l-imputat aġġornata sad-19 ta’ Settembru, 2005, DVD li qed ikun esibit u mmarkat MT4 u ittra bla data u anonima u envelope abjad li qed ikun esebit u mmarkat bħala MT5.

4. Skond l-okkorenza l-Ispettur Tonna kien irċieva ittra anonima indirizzata lilu fejn itnalab biex il-Pulizija tieħu azzjoni kontra persuna li kien imur fuq il-blat fil-parti bejn il-Westin Hotel u n-nħa ta’ wara tal-Hilton. Dan kien qed jseponi lilu nnifsu lill-pubbliku u b’hekk kien qed jaħglaq l-ispazju għat-tfajliet barranin li riedu aċċess għall-post. L-Ispettur sab lill-individwu permezz tad-DVD li kien inkluż ma’ l-ittra.

5. Semgħet lill-Ispettur Prosekutur jixhed li l-imputat kien ammetta dawn l-atti, li d-DVD juri li din il-persuna kienet toqgħod fuq il-blat bil-parti ġenitali tiegħu barra mill-qalza tax-shorts, li l-imputat kien skuża ruħu u li kien tressaq taħt arrest minħabba li r-residenza ta’ l-imputat ma kenitx daqshekk ċerta.

**L-Ewwel Stqarrija ta’ l-imputat**

6. Mill-istqarrija ta’ l-imputat rilaxxjata fis-16 ta’ Settembru, 2005, jirriżulta dan li ġej:

‘M. Ara ngħidlekx sew li inti kemm-il darba mort f’din il-bajja (bejn il-Westin u n-naħa ta’ wara tal-Hilton) u għamilt atti oxxeni u cioe’ kemm-il darba ħriġt il-parti ġenitali tiegħek fil-pubbliku?

T. Iva.’

7. Fir-risposta ta’ wara huwa ta r-raġuni għala kien iġib ruħu hekk u ssopona li dawn kienu atti kontra l-Liġi Huwa qal li kien hemm tentazzjonijiet jew kienu jisfidawh it-tfajliet stess. Huwa ma kellu ebda vizzju u lanqas kien taħt xi kura medika u kien lest li jgħid dan kollu taħt ġurament il-Qorti.

**It-tieni Stqarrija**

8. Fit-tieni stqarrija tiegħu li saret fis-17 ta’ Settembru, 2005, wieħed u għoxrin siegħa wara l-ewwel waħda, l-imputat ikkonferma l-istqarrija tiegħu għal darba, tnejn. Iżda huwa ċaħad li kien ma’ ħadd ieħor meta għamel dawn l-atti. Huwa wieġeb ukoll li qatt ma kien ra xi persuna maskili oħra tagħmel dawn l-atti.

9. Dawn l-atti jirriżultaw ukoll mill-film tad-DVD ippreżentat mill-Prosekuzzjoni.

10. ***<u>Teknikament ġaladarba l-imputat ammetta l-imputazzjoni din kienet ippruvata skond il-Liġi.</u>***

**Artikolu 209 u 338(q) tal-Kap 9**

11. Fil-fehma tal-Qorti għandu japplika l-artikolu 290 tal-Kap 9 u mhux l-artikolu ieħor (338(q)) li jaqa’ taħt il-kontravenzjonijiet. Il-Qorti l-ewwel ser tgħaddi biex x’nifhmu bil-pudur. Dan jiddeskrivih b’mod prattiku l-Antolisei:

‘Che cosa sia il-pudore lo abbiamo accennato: si tratta del senso di riservo e di ombratililta’ che circonda il fenomeno della riproduzione; piu’ precisamente , del setimento che induce alla riservatezza in tutto cio’ ceh attiene alle manifestazioni della vita sessuale. Il legislatore lo

protegge, perche' trattasi di un sentimento socilamente utile, in quanto costituisce un freno alla soddisfazione dell'istinto della libidine, freno senza il quale l'istinto medesimo potrebbe portare ad eccessi pregiudizievoli per la vita individuale e collettiva.

Il pudore totelato dalla legge e' certamente quello altrui, e cioe' delle persone che possono venire a conoscenza delle manifestazioni impudiceh. In questo sensno sip ala di pudore public, il che puo' ammettersi, purche' resti ben chiaro che non si tratta di un sentimento della collettivitia' diverso da quello degli individui che la compongono, bensi' del sentimento dei singoli, considerato in quanto ad essi e' commune.'[1]

12. Il-Qorti hawn tirreferi għall-każ 'Il-Pulizija versus Iris Gatt' tal-15 ta' Settembru, 1956 fejn il-Qorti ta' l-Appell Kriminali kienet qalet li għall-fini ta' l-artikolu 209 m'hemmx bżonn li wieħed ikollu intenzjoni speċifika li joffendi d-deċenza jew il-morali pubblika. Ikun biżżejjed li min irid jiġġudika jrid ikun moralment persważ li l-imputat aixxa minn jheddu u li l-att joffendi d-deċenza jew il-morali pubblika. Wara li l-Qorti eżaminat ix-xogħol tal-ġuristi Lucchini u Costa u s-sentenzi mogħtija mill-Qrati Taljani joħroġ l-istess kriterju li jagħmel il-Kodiċi Malti bejn ir-reati u l-kontravenzjonijiet. Għall-kontravenzjonijiet in-negliġenza jew il-volontarjeta' ta' l-att huwa biżżejjed mingħajr ma jkollok bżonn intenzjoni kriminali. L-intenzjoni kriminali fl-artikolu 209 ma jfissirx li l-imputat irid ikollu l-intenzjoni li joffendi l-morali pubblika imma jkun biżżejjed li l-imputat ried jagħmel dak l-att. Fil-qosor l-artikolu 338(q) japplika f'każ ta' negliġenza iżda l-intenzjoni kriminuża fl-artiklu 209 tidher mill-att innifsu..

**Mill-istqarrija esibita u mid-dokument ippreżentat jidher li l-każ odjern ma kienx wieħed ta' negliġenza.**

**Post Pubbliku**

[1] Antolisei F. Manuale di Diritto Penale Parte Speciale – 1 1989 pagine 454 - 455

13. Barra dan il-post fejn sar l-att huwa pubbliku. Skond l-Antolisei,

‘e’ pubblico il luogo che normalmente e’ accessibile a tutti (vie, piazze, giardini pubblici ecc); e’ aperto al pubblico il luogo in cui chiunque puo’ entrare sotto certe condizioni in orario, di pagamento, ecc (chiese, teatri, cinematografi, musei, ospedali, caserme, vendite pubbliche ecc); e’ esposto al pubblico, infine, il luogo che, no presentando le caratteristiche delle due catgorie precedenti, puo’ essere veduto da un numero indeterminato di persone come, ad esempio, una casa entro cui si possa guardare per la finestra o per la porta aperta, una vettura con sportelli di cristallo et similia.’

**L-att fih innifsu m’hemmx bżonn ikun oxxen**

14. U l-att innifsu m’hemmx għalfejn ikun oxxen għall-fini ta’ l-artikolu 209. Kif jgħid l-istess awtur.:

‘se esistono atti che in ogni caso sono osceni, ve ne sono indubbiamente altri che divengono tali solo quando siano accompagnati dalla pubblicita’. Basta pensare al fatto del denudarsi e all’amplesso sessuale fra coniugi.’

15. Il-Qrati tagħna mxew ma’ dan l-insenjament . Fis-7 ta’ Novembru 1949, (Ara Volum XXXIII.IV. 965) fil-każ ‘Il-Pulizija versus Ferdinand Grima’ il-Qorti kienet qalet li m’hemmx għalfejn li l-atti jkunu oxxeni imma sempliċiment li l-att magħmul ikun joffendi l-morali pubblika.

16. ***<u>Mill-proċess jirriżulta li l-att ta’ l-imputat kien wieħed magħmul deliberatament. Għalhekk il-Qorti</u>*** qed ***<u>taqta’ u tiddeċiedi li l-artikolu applikabbli huwa l-artikolu 209 tal-Kap 9.</u>***

17. Għaldaqstant il-Qorti, wara li eżaminat l-artikoli 18, 31, u 209 tal-Kap 9 issib lill-imputat ħati ta’ l-imputazzjoni dedotta kontrih.

18. Dwar il-piena, il-Qorti qed tqis dawn il-fatturi:

(a) l-ammissjoni bikrija ta’ l-imputat;
(b) li mill-fedina penali jirriżultaw reati oħra marbuta mal-mestier ta’ l-imputat iżda mhux reati taħt l-istess artikolu;
(c) li kkopera mal-Pulizija.

19. Il-Qorti qed timxi mad-deċiżjoni tal-Qorti Kriminali mogħtija fl-24 ta’ Frar 1997 fl-ismijiet ‘Ir-Repubblika versus Nicholas Azzopardi u għalhekk, wara li rat l-artikolu 28A tal-Kap 9, qed tikkundanna lill-imputat għal xahar u nofs priġunerija sospiżi għal tmintax-il xahar u għall-ħlas ta’ multa ta’ tliet mitt lira Maltija (Lm300) liema ħlas għandu jsir fiż-żmien mogħti mil-Liġi.

20. Il-Qorti spjegat lill-imputat xi jfisser l-artikolu 28A tal-Kap 9 fi kliem sempliċi speċjalment il-konsegwenzi serji tiegħu jekk matul dawn it-18-il xahar iwettaq reat ieħor, ikun xi jkun.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------